CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 21

It- Tnejn, 11 ta' Jannar 2021

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier
Camile Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.09pm.

**21.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

21.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

**21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

21.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal- Għoxrin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa

21.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**21.3 Komunikazzjoni tas- Sindku**

21.3.1 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li nhar l-24 ta' Jannar u 25 ta' Jannar ser isir il-filming tas-serie Das Boot ġewwa l- Mdina fejn ir-residenti taw il-kunsens tagħhom u l-Kunsill ser jingħata għotja ta' € 5000 mill-kumpanija ta' din il-produzzjoni. Il-Kunsill approva

21.3.2 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li fir-rigward tal-propost bini ta' Hotel fit- Telgħa tas-Saqqajja ser issir laqgħa nhar it-Tnejn 18 ta' Jannar 2021 bejn l-izviluppaturi u l-Kunsilli ta' L- Mdina u r-Rabat fejn ser jiġi spjegat dan il-proġett mill-periti inkarigati minn dan il-proġett.

21.3.3 Is- Sindku talab lis- SE biex jikteb lill-Ministru tat- Turizmu biex tintalab laqgħa miegħu fejn jiġu diskussi xi proġetti li nbdew mill-Ministru preċedenti fosthom it- tisbieħ u l-manutenzjoni ta' Howard Gardens kif ukoll Għajn Hammam.

21.3.4 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li rċevejna ittra minn Heritage Malta biex l-art li tinsab fejn l-istazzjon li fuqha l-Kunsill għandu devoluzzjoni mill-Lands biex tintuza bħala car park tgħaddi f'idejn Heritage Malta.

21.3.4.1 Huwa kien ta' l-opinjoni li nieħdu parir mingħand l-avukat tal -Kunsill pero' li hu zgur hu li, f'kaz li din l-art tittieħed, il-Kunsill ser jitlob għal sit alternattiv biex tintuza għal dan il-għan. Il-Kunsill qabel ma din id-deċizjoni.

21.3.5 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li fl-okkazjoni tat-tizjin tal-milied ġewwa l-Mdina tqabbad videographer biex jieħu filmat ta' dan it-tizjin biex jintuza għal finijiet ta' promozzjoni mill-Kunsill. Din ser tiġi tiswa lill-Kunsill s-somma ta' €177. Il-Kunsill approva.

21.3.6 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li fir-rigward it-tiġdid tal-ftiehem mal- MTA fuq it- Torre Dello Standardo għadu ma ġiex iffirmat għar-raġuni li l-MTA għandha l-hsieb li f'dan il-ftiehem tidħol klawsola biex it- Tourist Information Centre tkun tista' tagħmel bejgħ ta affarijiet mill-istess ufficċju.

21.3.6.1 Is- Sindku saħaq li din il-proposta mhux ser tiġi aċettata għax li kieku kellu jsir hekk din il-binja tibda tinkera lil privat b'rata kummerċjali u mhux b'xejn kif qeda' bħalissa biex jingħata servizz lit- turisti.

21.3.7 Is- Sindku talab lis- SE biex tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lis- Sur Paul Azzopardi ta' l-għajnuna volontarja li ta' lill-Kunsill waqt il-festi tal-milied.

**21.4 Estimi Finanzjarji- Approvazzjoni**

21.4.1 Il-Bagit għas-sena finanzjarja 2021 tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kunsill (mehmuż) għall-approvazzjoni. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

21.4.2 Il-Kunsill approva l-baġit għas-sena 2021.

**21.5 Performance Bonus għas-Sena 2020 lis- Segretarju Ezekuttiv u Ħaddiema Klerikali**

21.5.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-effiċjenza għas-sena 2020 fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, s-Sinjur Mark Mallia. Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tas-Segretarju Eżekuttiv. F'dan il-ħin is-Segretarju Eżekuttiv kien skuzat mil-laqgħa u ħareġ mill-kamra. Il-Kunsill iddiskuta l-materja u talab lis-Segretarju Eżekuttiv jerġà jidħol fil-kamra. Is-Sindku nforma lis-Segretarju Eżekuttiv illi l-Kunsill unanimament approva performance bonus ta' 10% tas-salarju

21.5.2 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-Effiċjenza għas-sena 2020 fir-rigward tal-impjegata tal-Kunsill, s-Sinjura C. Camilleri. F' dan il-ħin, il-Kunsilliera Maryann Sultana talbet li tiġi skuzata mill-laqgħa u ħarġet il- barra minħabba kunflitt ta' interess. Il-Kunsill unanimament approva li s-Sna C. Camilleri tingħata performance bonus ta' 6% tas-salarju tagħha.

21.5.3 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-Effiċjenza għas-sena 2020 fir-rigward tal-impjegat tal-Kunsill, s-Sur Francesco Scicluna. Il-Kunsill unanimament approva li jingħata performance bonus ta' 5% tas-salarju tiegħu

**21.6 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

21.6.1 Talba mingħand il-Community Policing biex jiġu allokati xi fondi biex ikun jista' jitwassal il-messaġġ lill-komunita' ta' kif wieħed joqgħod attent mis-serq ta' basktijiet u flus. Il-Kunsill ser jalloka is-somma ta' € 100 għal dan l-iskop.

21.6.2 Ċirkulari AKL 2020/138- Mentor Aid- Financial Regulations

21.6.3 Ittra mingħand s- Sinjura Cutajar amministratur tal- Kapitlu Metropolitan ġewwa l-Mdina fuq xi ħsara li qed issir fuq karozzi ta' ħaddiema mill- parker li hemm ġewwa l-Foss meta dan ma jingħatax tips. Is- Sindku talab lis- SE jikteb lill- Transport Malta biex tieħu azzjoni għaliex din mhux l-ewwel darba li sar tali rapport u sfortunatament ma tittieħidx azzjoni.

21.6.4 DLG- Direttiva 7/2020 dwar il-Laqghat Statutorji tal-Kunsilli Lokali

21.6.5 Ċirkulari Nru. SPI/SCI/8/2020- Espressjoni ta' Interess- Il-Belt jew ir- Raħal Kulturali Sena 2022

**21.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

21.7.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tas- 11 ta' Jannar 2020, (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 18,213.30

21.7.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ser tiġi iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**21.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

21.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-17.25pm u ġiet aġġornata għal 15 ta' Frar 2021 fit-3pm

IFFIRMATA
_______________
Peter Sant Manduca
Sindku

IFFIRMATA
_______________
Mark Mallia
Segretarju Eżekuttiv

Data: 15-02-2021_______